ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi (Citta' Pinto)**

# Rapport Annwali Amministrattiv

**JANNAR - DIĊEMBRU 2013**

**Is-Sitt Kunsill Lokali 2012 - 2015**

Werrej


| | |
|---|---|
| **L-Introduzzjoni tas-Sindku** | **2** |
| **Il-Kunsill** | **3** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **6** |
| **Il-Ħidma tal-Kunsill** | **10** |
| **L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-nefqa** | **29** |

## *1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku*

Nilqakom ghal dan ir-Rapport Annwali Amministrattiv li kull Kunsill Lokali huwa obbligat li jipprepara darba fis-sena biex jaghti rendikont tal-hidma li saret fis-sena li ghaddiet.

Il-hidma ta' dan is-sitt Kunsill ma waqfitx mir-ritmu habrieki li qbadna matul is-sena 2013. Komplejna nahdmu f'sinergija shiha sabiex nkunu eqreb lejn ic-cittadini u noffrulhom kwalita' ta' hajja ahjar, Bla dubju ta' xej is-sena 2013 kienet aktar movimentata minn aspett infrastrutturali. Fil-fatt rajna l-bdu tax-xogholijiet fuq il-progett ambizzjuz tal-Heritage Trail, progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea immirat li jsebbah iz-zoni rurali u l-wirt storiku Qormi. Wara li tlestew il-passaggi u nbnew il-hitan tas-sejjieh u tlesta l-bandli totalment accessibbli minn persuni b'dizabilita' jonqos iss jitlesta ix-xoghol fuq il-picnic area u x-xogholijiet fil-pjazza ta' quddiem il-kappella iddedikata lil Madonna tal-Hlas.

Matul is-sena 2013 il-komunita' Qormija rat ukoll l-bidu ta' progett tant u tant mistenni, il-progett ghall-kontra l-gharghar. Ma kinux xhur facli minhabba li x-xogholijiet joholqu inkonvenjenti kbar lir-residenti u jhallu impatt negattiv fuq t-traffiku. Madankollu konna u ghadna qrib ir-residenti sabiex bl-ahjar mod possibbli ntaffu ftit dawn l-istess inkonvenjenti. Il-hidma tal-Kunsill kienet strumentali fit-tkomplija tax-xogholijiet fejn permezz ta' konsultazzjoni shiha hdimna mal-gvern f'dan ir-rigward. Ix-xogholijiet mistennija jkunu lesti matul din is-sena.

Wara hafna snin mwieghda lir-residenti sar ukoll ix-xoghol ta' asfaltar fi Triq il-Milied, ix-xogholijiet ma kinux jinkludu biss l-asfaltar izda wkoll bdil tas-servizzi u l-bini ta' culverts godda f'din l-istess Triq. Permezz ta' dawn il-culverts solvejna l-problema tal-gharghar li kienu jgarrbu r-residenti ta' din it-triq u t-toroq li jmissu maghha,

Saru wkoll xogholijiet ta' bankini godda fi Pjazza Narbona u fi Triq Guze Muscat Azzoppardi. Ma dawn ma naqsux xogholijiet ta' manutenzjoni fosthom ta' patching li l-Kunsill ikun ghaddej bihom minn xahar ghal xahar. Wara pressjoni kontinwa minn dan il-Kunsill, saru wkoll bankini kompletament godda ta' Triq Manwel Dimech. Wara snin twal ta' stennija TM accettat ukoll li tagmel l-asfaltar ta' Triq il-Belt Valletta.

Bhala Kunsill hadna wkoll hsieb il-wirt storiku Qormi. Wara snin twal fi stat ta' vandalizmu, gie rrestawrat il-monument iddedikat lil Guze Muscat Azzoppardi. Sar ukoll restawr fuq is-salib tal-Vitorja u l-istatwa ta' San Guzepp. Fil-prezent qeghdin ukoll f'diskussjonijiet mal-MEPA sabiex jinghataw fondi halli jsir ir-restawr tal-KappeLLa ta San Frangisk. In kambju l-Kunsill qed jitlob li s-sidien ta din il-Kappella biex tintuza mill-Kunsill u l-komunita Qormija ghal attivitajiet kulturali.

L-Attivitajiet kulturali ma naqsux matul is-sena li ghaddiet. Ittellghu b'success attivitajiet annwali rinomati mal-Maltin u l-Ghawdxin kollha. Ma nistax ma nirringrazzjax lill-ghaqdiet kollha Qriema tax-xoghol u l-impenn taghhom. Ittellghet ghall-ewwel darba ukoll attivita' gdida ''The Malta Records'' li ghalieha attendew eluf

kbar ta' nies. Bhala Kunsill ma qghadniex lura milli ntellghu attivitajiet edukattivi u dan minghajr ma nonfqu l-flus.

Wara li ghaddiet mozzjoni  f'dan ir-rigward, il-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi organizza ghall-ewwel darba attivita' kompletament iddedikata ghat-tfal fejn l-istess tfal kienu l-protagonisti.

Is-sahha tibqa ukoll ta' priorita' ghalina, fil-fatt ma naqsux it-tahdidiet dwar is-sahha u attivita' edukattiva immirata apposta biex tippromwovi hajja f'sahhitha. Il-Kunsil organizza wkoll ghall-ewwel darba Health Fest li ghaliha attenda sahansitra il-Ministru tas-sahha. La qed nitkellmu dwar is-sahha ma nistax ma nsemmix il-Qormi local Council walking club li baqa attiv hafna. Fil-fatt zdiedu l-mixjiet f'diversi lokalitajiet Maltin  sahansitra  fil-gzira Ghawdxija.

Is-sena 2013 rat it-twelid tal-Qormi Local Council business forum. L-ghan ta' dan il-forum huwa li bhala Kunsill nkunu ta' spalla mal-entitajiet kummercjali Qriema billi nwasslu l-informazzjoni dwar diversi skemi u progetti ta' inetress ghalihom.

Mill-aspett edukattiv, il-Kunsill baqa jinvesti fil-libreriji kemm f'dik regjonali ta' San Bastjan kif ukoll f'Ta' San Gorg. Bdew ukoll tahditiet mal-iskola Primarja ta' San Gorg dwar il-possibilita' li din il-librerija tikber fid-daqs u b'hekk issir aktar attraenti ghat-tfal u l-genituri. Nemmnu li l-qari huwa strumentali sabiex niggieldu l-illitterizmu u ghaldaqstant investejna fit-tieni book box f'Hal Qormi li din id-darba tpoggiet fi Gnien l-Armier f'San Bastjan, Matul is-sena 2013 il-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi kompla joffri ghexiern ta' korsijiet edukattivi fosthom korsijiet innovattivi  li huma mmirati biex jizviluppaw hiliet mhux biss akkademici. F'dinja mizghuda bit-teknologija hsibna biex ninvestu wkoll f'korsijiet tal-kompjuter. Fil-fatt ghall-ewwel darba flimkien mal-privat offrejna lir-residenti Qriema kors tal-kompjuter kemm ghat-tfal kif ukoll ghall-adulti li ghalihom kellna partecipazzjoni rekord.

Bhalma nafu, wara r-riforma li saret ftit aktar minn sentejn ilu l-Kunilli Lokali hadu daqqa ta' harta, b'mod specjali Kunsilli Lokali kbar bhal Hal Qormi li kienu litteralment jiddependu mill-flus tac-citazzjonijiet. Huwa ikkalkulat li sa qabel sentejn ilu l-Kunsill kien idahhal mitt elf ewro f'cash, flus li bihom l-Kunsill seta' jimbarka fi progetti infrastrutturali immirati li jsebbhu l-lokalita' u jaghtu kwalita' ta' hajja ahjar,

Bis-sistema tar-regjuni dawn il-flus ma baqawx jinghataw direttament lill-Kunsilli. Dan ifisser li l-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi meta jitnaqqsu l-sipejjez u l-pagi jibqalu biss f'idejh 60.000 ewro, somma mizera li ma tippermettix li jsiru progetti nnovattivi.

Limitati finanzjarjament kif konna, kif appena tlajt Sindku fl-2012 bdejna ezercizzju ta' cost cutting. Flimkien mas-Segretarju identifakjt dawk l-oqsma li minnhom stajna niffrankaw il-flus. Dan l-ezercizzju estendejnieh ukoll ghas-sena 2013 fejn b'sodisfazzjon nghid li din il-hidma ssarfet fi frott kbir hekk kif l-ghaqal taghna wassal biex jigu frankati 30,000 minn-nefqa annwali tal-Kunsill.

B'sodisfazzjon kbir ghalija, wara li oggezzjonajna ghall-izvilupp tal-ex-Lowenbrau, irbahna din l-istess appell li jfisser mitt elf ewro li ha jkunu jistghu jintuzaw mill-Kunsill ghall-progetti fil-lokalita' taghna.

Tajjeb li f'dan ir-rapport naghtu wkoll harsa lejn ix-xogholijiet ppjanati ghax-xhur li gejjin. Filwaqt li matul din is-sena ha naraw it-tlestija tal-progett tal-Heritage Trail,zgur li l-aktar progett ambizzjuz ghas-sena 2013 ha jkun l-progett ta' Pjazza Alexandra. Issa li l-progett gie approvat mill-Mepa ninsabu ghaddejin bil-preparamenti necessarji sabiex fil-gimghat li gejjin jigi ppublikat it-tender ta' dan il-progett.
Bhala Kunsill ghandna wkoll ppjanat li naghmlu l-asfaltar ta' Triq San Piteru u Triq Lydda. Ma dawn hemm ukoll ppjanati xogholijiet ta' asfaltar u bankini ta' Triq il-Ghana.
Nittama li f'dan il-ftit hin irnexxieli naghti rendikont tal-hidma ta dan il-Kunsill. Qabel naghlaq ma nistax ma nirringrazzjax lis-Segretarju Ezekuttiv tal-impenn u l-professjonalita' tieghu kif ukoll lill-istaff dinamiku tal-Kunsill. Ringrazzjament imur ukoll ghalll-shabi l-kunsilliera tal-appogg u l-impenn taghhom. Nappella biex bl-istess ghaqda nkomplu nahdmu fl-interess tac-cittadini Qriema.

Rosianne Cutajar

Sindku

## *2.0 Il-Kunsill*

## 2.1 IL-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, Citta' Pinto, belt b'popolazzjoni ta' madwar 17,300 skont il-popolazzjoni stmata għal kull lokalita', huwa magħmul minn Ħdax-il Kunsillier, b'Sindku u Viċi-Sindku, eletti direttament mill-poplu Qormi.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha skont l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' ħames impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju.

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, fejn il-funzjoni ta' dawn il-Kumitati/Sotto Kumitati, imwaqqfa fi ħdan il-Kunsill, hija proprju li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjanijiet tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbilitajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali.

Il-kumitati u s-sotto-kumitati mwaqqfa f'dan is-sitt Kunsill, huma tlieta u għandhom dawn il-Kunsilliera bil-karigi u l-funzjonijiet tagħhom li baqgħu l-istess matul din it-tieni sena:

**KUMITAT FINANZI**

| | |
|---|---|
| Chairman | Sindku, Rosianne Cutajar |
| Membru | Ralph Puli |

**KUMITAT PROĠETTI INFRASTRUTTURALI**

| | |
|---|---|
| Chairman | Sindku, Rosianne Cutajar |
| Membru | Ralph Puli |

**KUMITAT KUNTRATTI**

| | |
|---|---|
| Chairman | Sindku, Rosianne Cutajar |
| Membru | Ralph Puli |

**REGJUN NOFSINHAR**

| | |
|---|---|
| Rappreżentant | Jesmond Aquilina |

**<u>Lista ta' Responsabbiltajiet ta' kull Kunsillier fis-Sitt Kunsill</u>**

**Sindku Rosianne Cutajar**
Kumitat Finanzi (Chaiperson); Kumitat Kuntratti (Chairperson);; Kumitat Progetti Infrastrutturali (Deputat Chairperson); Relazzjonijiet mal-Media; Editur tal-Gurnal *Id-Dielja*; Ir-Ricerka u l-Izvilupp Sostennibbli; L-ilmenti taċ-Ċittadini; Ordni Pubblika; Il-Politika Soċjali (Djalogu u Konsultazzjoni); Premju *INT*

**Viċi Sindku Jesmond Aquilina**
Rappreżentant fir-Reġjun;

**Kunsillier Ralph Puli**
Kumitat Finanzi; Kumitat Kuntratti; Kumitat Proġetti Infrastrutturali; Tismija ta' Toroq

**Kunsillier Bjorn Azzopardi**
Edukazzjoni * ; Widien u Periferiji

**Kunsillier Robert Cremona**
Edukazzjoni; Animal Welfare

**Kunsillier Jason Busuttil**
Kultura * ; Wirt Storiku.

**Kunsillier Charles Farrugia**
Ambjent * ; Wirt Storiku * ; Anzjani

**Kunsillier Jerome Caruana Cilia**
Żgħażagħ; *Gender Equality*

**Kunsillier Margaret Mercieca**
Kultura; Sports

**Kunsillier Antoine Saliba**
Żgħażagħ * ; Sports * ;
Ħidma Internazzjonali (inkluż Ġemellaġġi, Turizmu, Eu Funding)

**Kunsillier Sean Meli**
Ħarsien Soċjali (Saħħa u Sigurta', Persuni b'Diżabilita') * ; Komunita Kummercjali;

* *Chairperson* f'każ ta' Sotto-Kumitat

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-31 ta' Diċembru 2013 inżammu erbatax-il (14) laqgħa tal-Kunsill, u l-attendenza kienet hekk:

| | KUNSILLIERA | LAQGĦAT | PREŻENTI | SKUŻAT/A | ASSENTI | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Ralph Puli | 14 | 13 | 1 | 0 | **93%** |
| 2 | Rosianne Cutajar | 14 | 14 | 0 | 0 | **100%** |
| 3 | Jesmond Aquilina | 14 | 10 | 4 | 0 | **71%** |
| 4 | Bjorn Azzopardi | 14 | 14 | 0 | 0 | **100%** |
| 5 | Robert Reno Cremona | 14 | 10 | 4 | 0 | **71%** |
| 6 | Jason Busuttil | 14 | 6 | 8 | 0 | **43%** |
| 7 | Carmel Farrugia | 14 | 13 | 1 | 0 | **93%** |
| 8 | Jerome Caruana Cilia | 14 | 12 | 2 | 0 | **86%** |
| 9 | Margaret Mercieca | 14 | 11 | 3 | 0 | **79%** |
| 10 | Antoine Saliba | 14 | 12 | 2 | 0 | **86%** |
| 11 | Sean Meli | 14 | 13 | 1 | 0 | **93%** |

**Nirringrazzja lill-Kunsilliera kollha għall-ħidma tagħhom fil-Kunsill matul din is-sena 2013.**

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL:

Matul din is-sena wkoll l-Amministrazzjoni tal-Kunsill taħt it-tmexxija tas-Segretarju Eżekuttiv kienet komposta bħas-snin ta' qabel hekk:

| | |
|---|---|
| Kenneth Brincat | Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju |
| Marilyn Gatt Baldacchino: | Sezzjoni Finanzi u Akkwist ta' Servizzi |
| Karen Camilleri: | Sezzjoni tar-Relazzjonijiet/Amministrazzjoni |
| Ritienne Sammut: | Sezzjoni Amministrazzjoni |
| Maria Aquilina: | Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mar-residenti |
| Bernice Darmanin: | Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mar-residenti |

**Matul din is-sena l-Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Victor Camilleri | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |
| Is-Sur Frankie Agius | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |

**Il-Konsulenti tal-Kunsill:**

| | |
|---|---|
| Servizz Legali lill-Kunsill | L-Avukat Stefan Zrinzo Azzopardi LLD |
| Servizz ta' Perit | Il-Perit William Lewis A&CE |

Matul din is-sena, permezz tal-iskema mħaddma mill-ETC, komplew jitħaddmu ħames ħaddiema li ġew imqabbda jagħmlu xogħol ta' *maintenance* ta' diversi ġonna u postijiet.

Huwa permezz ta' dan it-*team* ta' ħaddiema kollu li flimkien inbena s-suċċess fil-ħidma kontinwa tagħna u fit-tmexxija ta' l-amministrazzjoni tal-Kunsill. Għalhekk irrid nawgura li din il-ħidma kollha tkompli dejjem tikber aktar fis-snin li ġejjin, sew minħabba li issa drajna naħdmu minn bini u uffiċċini ġodda, li żgur kattru l-ħidma tal-amministrazzjoni kollha mill-kumdita' tal-bini u bini addattat. Inħossni kburi li għandi dan it-*team* sabiex naħdem u nattwa dak li l-Kunsill japprova għall-ġid tal-lokalita' kollha.

## *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill*

### 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2013 kienet ta': | €1,001,971 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | €121,532 |
| **Dħul minn Bye-laws ta' €2,118** | |
| Bye-Laws - *Advertising on Street Furniture* | € 1,118 |
| Bye-Laws - Użu ta' Faċilitajiet | € 1,000 |
| **Dħul minn Kontravvenzjonijiet ta' €16,816** | |
| Id-Dħul minn kontravvenzjonijiet/ Aministration fees | € 16,816 |
| **Interessi** | € 271 |
| **Id-Dħul minn attivitajiet oħra li jidher taħt Dħul Ġenerali ta' €83,583** | |
| Servizzi Komunitarji | € 20,919 |
| Sponsorships | € 1,763 |
| Dħul Ġenerali | € 750 |
| Dokument/ u *Information Charges* | € 2,807 |
| Dħul mill-*Media* | 3 |
| Kontribuzzjonijiet | €34,405 |
| Refużjoni | €18,083 |
| Dħul minn Permessi | € 12,533 |
| **Id-Dħul totali għas-sena 2013 kien ta'** | **€ 1,233,971** |

**L-INFIQ**

| | |
|---|---|
| **Is-Salarji b'total ta' €170,837 kienu mqassma hekk:** | |
| Onorarja tas-Sindku | € 13,407 |
| Onorarja tal-Kunsilliera | € 13,600 |
| Salarju Segretarju Eżekuttiv | € 30,569 |
| Salarji ta' l-impjegati | € 101,805 |
| Kontribuzzjonijiet *Social Security* | € 11,456 |
| **Tiswijiet u manutenzjoni b'total ta' €59,875** | |
| Toroq u Bankini | € 37,246 |
| Sinjali u Tabelli tat-traffiku | €4,531 |
| Marki tat-traffiku | € 11,521 |
| *Office Furniture & Equipment* | € 2,164 |
| *Other Repairs & Upkeep* | € 4,413 |

**L-Ispejjeż għas-Servizzi b' Kuntratt laħħqu total ta' €607,356**

| | |
|---|---|
| Ġbir ta' Skart | € 329,724 |
| Ġbir ta' *Bulky Refuse* | € 17,397 |
| Kiri ta' *Skips* | € 1,062 |
| Knis u tindif ta' Toroq | € 83,792 |
| *Clean. & Maint Non-Urban* | € 9,143 |
| *Cleaning Public Conveniences* | € 32,061 |
| *Cleaning Council Premises* | € 11,804 |
| *Other Contractual Service* | € 14,495 |
| *Clean. & Main. Parks & Gardens* | € 61,859 |
| *Street Lighting* | € 39,669 |
| *Studies & Consultations* | € 5,060 |
| *Local Enforcement Expenses* | € 1,290 |
| **Dan huwa total ta' *Operations and Maintenance* ta'** | **€ 667,231** |

**Amministrazzjoni u spejjeż oħra €484,323**

| | |
|---|---|
| Dawl, ilma, telefon,etc. | € 21,667 |
| Xiri ta' Materjal *(Materials & Supplies)* | € 576 |
| Kera | € 293 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Internazzjonali | € 2,258 |
| Spejjeż għat-tmexxija ta' l-Uffiċċju | € 3,958 |
| Spejjeż ta' Trasport għall-attivitajiet u xogħol | € 3,413 |
| Vjaġġar | € 178 |
| Spejjeż għall-Informazzjoni għall-Pubbliku | € 6,009 |
| *Insurance Cover* | € 4,553 |
| *Bank Charges* | € 200 |
| *Is-Servizzi Professjonali* | € 27,359 |
| *Training* | € 16,522 |
| *Other Hospitality Costs* | € 1,033 |
| *Social Events* | € 604 |
| *Cultural Events* | € 37,931 |
| *Community Services* | € 31,479 |
| Spejjeż Oħra Inċidentali | € 398 |
| *Provision for doubtful debts* | € 75,762 |
| *Depreciation* | € 250,130 |

**Interessi fuq self mill-Bank kienu €8,519**

| | |
|---|---|
| Interessi fuq self mill-Bank | € 8,519 |
| **Total** | **€ 1,330,910** |

### ***3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill (ikompli)***

## 3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Wara li matul l-ewwel sena ta' dan is-sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi kienu introdotti korsijiet u attivitajiet edukattivi li għalihom attendew aktar minn 800 ruħ, għal din is-sena skolastika komplejna nikkonċentraw il-ħidma tagħna biex intejjbu din il-firxa wiesgħa ta' korsijiet sabiex nolqtu l-gosti ta' kulħadd.

Għal din is-sena skolastika ħsibna li nerġgħu ninkludu korsijiet bħall-litteriżmu fil-**Malti u l-ingliż**, tal-**iSpanjol**, **tal-Induratura** u tal-**First Aid**, korsijiet li matul is-sena skolastika li għaddiet kienu suċċess. Qed jerġgħu jiġu offruti attivitajiet sportivi li ilhom popolari tul dawn l-aħħar snin bħaż-**Żumba**, l-**Aerobics**, **Line Dancing** u l-**Pilates**, liema attivitajiet isiru ġewwa l-iskejjel f'Ħal Qormi. Madankollu ħsibna wkoll biex nintroduċu korsijiet ġodda fosthom tal-**Beauty**, **fotografija**, tal-**bizzilla** u kors dwar **is-saħħa u s-sigurta għall-persuni li jaħdmu n-nar** (pirotekniċi). Għal din is-sena skolastika wkoll komplejna nsaħħu u noffru firxa usa ta' korsijiet tal-kompjuter fejn apparti l-korsijiet li kienu jiġu offruti qabel bħall-**ECDL** u l-**Office Practice**, bdew jiġu offruti korsijiet għat-Tfal bħall-**IlearnIT** u l-**IKIDS**.

Din il-firxa wiesgħa ta' korsijiet qed twassalna għal numru dejjem ikbar ta' parteċipanti. Filfatt bil-korsijiet li fetħu f'Ottubru biss in-numru t'applikanti reġistrati huwa ta' 631 persuna. Dan in-numru mistenni jikber hekk kif diversi korsijiet jintemmu f'Jannar, jibdew jingħataw oħrajn ġodda. Għaldaqstant, bħalissa ninsabu f'sitwazzjoni li kull filgħaxija fil-bini tal-Kunsill u fl-iskejjel lokali jkun qed isir tagħlim f'xi wieħed minn dawn il-korsijiet imsemmija. Dan huwa ta' sodisfazzjon kbir għall-Kunsill Lokali li qed jara li l-bini tal-Kunsill iservi f'ċentru edukattiv għal nies ta' kull eta'. Madankollu ringrazzjament speċjali jmur lill-Prinċipal tal-Kulleġġ San Injazju li tikkopera mal-Kunsill sabiex tipprovdi diversi klassijiet u faċilitajiet fil-bini tal-Kulleġġ (fl-iskola eks-Ġuże' Galea) sabiex nakkomodaw id-domanda għal dawn il-korsijiet.

**Tisbiħ tal-Librerija Reġjonali minn ħaddiema voluntiera**

Wara li matul is-sena skolastika li għaddiet twaħħlu **tabelli ġodda** bil-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ, ġew installati **żewġ kompjuters ġodda**, beda jingħata **servizz ta' photocopier** filwaqt li ġie ukoll installat **servizz ta' WIFI**, ħaddiema tal-HSBC offrew li jagħmlu xi xogħol volontarju fil-lokal u kien għalhekk li l-Kunsill Lokali ħaseb li jsir **tisbiħ fil-bini tal-librerija reġjonali**. Nhar id-19 ta' Settembru dawn il-ħaddiema taw il-kontribut tagħhom billi nżebgħu partijiet mill-librerija u s-siġġijiet b'kuluri vivaċi sabiex inkomplu nagħmlu din il-librerija attraenti speċjalment fost-it-tfal.

**Xogħol evidenti fil-periferiji ...**

Wara li fil-bidu ta' din il-leġislatura il-Kunsillier responsabbli mill-Perifieriji u Widien reġgħet twaqqfet **kummissjoni magħmula minn residenti li joqgħodu fil-widien u fil-periferiji ta' Ħal Qormi** sabiex jittressqu suġġerimenti u ilmenti mir-residenti innfushom, issa beda jidher xi xogħol u differenza għal xi ilmenti li kienu tressqu f'din il-Kummissjoni.

Fl-aħħar xhur twaħħlu **lampi ġodda** fi Triq il-Belt Valletta, Triq l-Għasel u anke' fiż-żona rurali ta Tal-Ħlas. Twaħħlu wkoll **żewġ traffic calmers fl-iMdina Service Road** sabiex jiġu evitati inċidenti tat-traffiku bejn karozzi li jkunu telgħin mill-Mdina Service Road u oħrajn li jkunu deħlin minn Triq l-iMdina għall-iMdina Service Road.

Fiż-żona **tal-Blat 2** sar **tindif estensiv** partikolarment madwar is-sit tal-Bring in Sites kif ukoll fi Triq l-Industrija wara li għal xhur sħaħ kien qed jiġi mormi kull tip ta' skart goff li kien qed ikun t'inkonvenjent għar-residenti tal-madwar. Fiż-żona tal-Blat 2 **ġiet installata notice board** sponsorjata mill-BANIF Bank sabiex tkun tista sservi bħala meżż t'informazzjoni għar-residenti li jħossuhom il-bogħod miċ-ċentru ta' Ħal Qormi. F'din iż-żona wkoll flimkien ma' xi toroq fiż-żona **tal-Bajjada twaħħlu tabelli bl-ismijiet tat-toroq**. Fost it-tabelli li twaħħlu kien hemm ta' Triq il-Kummerċ, Triq l-Industrija, Triq Dun Alwiġ Psaila fost oħrajn. Dawn it-tabelli kienu ta' bżonn kbir għar-residenti ta' dawn it-toroq speċjalment f'każi t'emerġenza u kull meta jkollhom bżonn ta' xi servizz fir-residenza tagħhom.

Minkejja r-restrizzjonijiet fl-ispiża tal-Kunsill, matul is-Sajf li għadda wkoll **ingħatat it-tarmac Triq il-Milied** fejn anke' nbnew bankini ġodda u ġie nstallat culvert li jilqa u jnaqqas l-ilma li jinżel għall-ġol-wied. Aħbar tajba oħra għar-residenti taż-żona tal-Blat 2 hi li wara ħafna snin ta' stennija, **il-pond fi Triq is-Sebħ** u li kien anke' imwiegħed fil-programm elettorali fl-aħħar elezzjoni ġenerali li għaddiet issa ingħata spinta 'l quddiem billi ħarġu l-permessi mill-MEPA u saħansitra ġew ivvutati l-fondi fil-budget għas-sena li ġejja. Matul dawn l-aħħar xhur ukoll, b'kooperazzjoni mal-Pulizija **tneħħew diversi vetturi abbandunati** u li kienu qed ikerrhu l-ambjent kif ukoll jieklu biċċa mill-parking li tant sar problema fil-lokal tagħna.

Fl-aħħar xhur ukoll konna nvoluti **f'diskussjonijiet u laqgħat ta' konsultazzjoni** mitluba minn Ministeri differenti tal-Gvern Ċentrali. Laqgħa ta' konsultazzjoni saret mal-Ministru Joe Mizzi dwar **titjib fis-servizz tat-Trasport Pubbliku** fejn il-Kunsill Lokali baqa' jenfasiżża fuq l-importanza li tiżdied il-frekwenza tar-rotot diġa stabbiliti filwaqt li jiġi ntrodott servizz li jakkomoda r-residenti tal-wied u li jgħixu fil-periferiji ta' Ħal Qormi fosthom ż-żona tal-Blat 2 u taż-żona tal-Bajjada, li sa issa għad m'għandhomx servizz.

Laqgħa ta' konsultazzjoni oħra saret dwar **ir-reviżjoni tal-Pjan Lokali tal-MEPA**. Fost il-punti ewlenin li l-Kunsill enfasiżża dwarhom kien li d-diversi toroq fiż-żona tal-Bajjada li xi snin ilu kienu inqellbu minn Residenzjali għal Semi-Industrijali mingħajr konsultazzjoni ma' ħadd jerġgħu jiġu lura għal status Residenzjali kif kienu qabel.

**... u fil-widien ta' Ħal Qormi**

Matul ix-xhur li għaddew, il-widien kienu taħt attenzjoni kbira mill-Kunsill Lokali. Konxji mill-fatt li għaddej ix-xogħol fuq il-proġett tal-Għargħar, u allura f'każ ta' maltempata il-periklu kien akbar, il-Kunsill għamel is-sehem tiegħu billi minn Awwissu bdew **jitnaddfu il-water culverts ta' Ħal Qormi**. Għamel ukoll pressjoni fuq l-awtoritajiet konċernati sabiex **jinqata l-ħaxix u jitnaddfu l-widien** u saħansitra **jitwessgħu xi kanali tal-ilma** sabiex nnaqsu l-problemi u l-periklu, xogħol li sar mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura.

Madankollu, **l-proġett tal-għargħar** li bħalissa għaddej ġmielu jibqa l-akbar proġett li għaddej f'Ħal Qormi. Minkejja l-inkonvenjenzi li qed joħloq speċjalment fil-flow tat-traffiku, dan se jservi għall-ġid ta' ħafna residenti li ilhom jistennew dan il-proġett snin twal. Permezz ta' dan il-proġett, f'Ħal Qormi inbnew pondijiet ġodda fi Triq Manwel Dimech (fejn il-PAVI), fi Triq Correa u l-aħħar wieħed fi Triq il-Mitħna. Fit-tliet pondijiet ġew eliminati s-saqajn tal-pondijiet sabiex l-ilma jgħaddi aktar komdu. Issa l-proġett se jgħaddi għal fażi oħra fejn fix-xhur li ġejjin irid isir xogħol fil-Wied sa Wied is-Sewda sabiex l-ilma li jkun ġej minn H'Attard u lokalitajiet oħra jinżel f'culverts

apposta u jgħaddi minn taħt l-art. B'hekk jitnaqqas il-volum kbir tal-ilma li jgħaddi minn quddiem ir-residenti fi Triq il-Wied.

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi matul din is sena baqa' jaħdem bla heda biex l-isports fil-lokalita' tagħna jkompli jingħata mportanza massima. Dan għaliex nemmnu bil-kbir li l-isports huwa ferm utli għal kull individwu fejn:

- Ibiegħed mill-vizzjijiet koroh li hawn madwarna, li bħala Kunsill nemmnu li l-investiment tagħna fl-isports huwa l-aqwa arma kontra d-droga.
- It-tfal tagħna jikbru aktar b'saħħithom kemm fiżikalment u kemm moralment u dan iwassal għal ċittadini b' responsabbilta' u dixxiplinati.
- Il-persuni bi bżonnijiet speċjali jkunu jistgħu jintegraw mal-komunita' sabiex jikbru fil-karattru tagħhom u jitgħallmu jiffaċjaw il-problemi li kull individwu jgħaddi minnha matul il-ħajja.
- Bniedem attiv, jevita' li meta jilħaq ċertu eta', l-ġisem jaffaċja diversi mard li jikkawża problemi ta' mobbilita'. Barra minhekk il-bniedem jkun baqa' f'kuntatt mal-ħajja tal-lum u ma jispiċċax jgħix waħdu l-aħħar snin ta' ħajtu.

Dawn huma l-attivitajiet li nvolva ruħu fihom l-Kunsill matul din is-sena li kienu mmirati għal kulħadd:

**Skema Attivitajiet Sportivi – Ftehim għal Għajnuna Finanzjarja**

F'Marzu 2013, għar-raba sena konsekuttivita d-Dipartiment għall-Gvern Lokali reġa' ħareġ l-iSkema għall-Għajnuna Finanzjarja bl-isem Skema Attivitajiet Sportivi – Ftehim għal Għajnuna Finanzjarja, fejn flimkien mal-Kunsill Malti għall-iSport u s-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport tingħata għajnuna finanzjarja lil dawk il-Kunsilli li jixtiequ jorganizzaw diversi attivitajiet matul is-sena u nħeġġu l-pubbliku ġenerali jieħu sehem f'attivitajiet sportivi. Il-Kunsill appika għal:

**After School Sports Programm u Mass Movement Activity**

Dan il-programm huwa immirat għat-tfal li jattendu fl-iskejjel governattivi tal-lokal mill-Year 1 sa Year 6 għall iskola ta' San Gorg u mill- Year 3 sa Year 6 għall iskola ta' San Sebastjan, fejn dawn l-attivitajiet iħeġġu lit-tfal jattendu dawn is-sessjonijiet darbtejn fil-ġimgħa wara l-ħin ta' l-iskola għal siegħa u nofs, matul is-sena skolastika.

Għal din l-attivita' inħarġu l-applikazzjonijiet li tqassmu fiż-żewġ skejjel Primarji, dik ta' San Ġorġ kif ukoll ta' San Sebastjan. Waqt dawn iż-żewġ sessjonijiet qed ikun hemm preżenti żewġ kowċis li wieħed minnhom huwa *first aider* f'każ ta' inċident.

- Skola Primarja San Ġorġ kull nhar ta' Tnejn u Erbgħa bejn is-14.30 – 16.00pm, b' total ta' tfal = 40.

- Skola Primarja San Sebastjan kull nhar ta' Tlieta u Ħamis bejn is-14.30 - 16.00pm, b' total ta' tfal = 61.

Din l-attivita' hija mingħajr ħlas.

**Aerobics u Pilates**

Għall-sena oħra l-Kunsill Lokali Ħal Qormi organizza klassi ta' l-Aerobics u klassi oħra Pilates, b'10 lezzjonijiet f'kull klassi. L-ewwel grupp beda f'Jannar, it-tieni grupp f'April u l-aħħar grupp ser jibda ftit jiem oħra. Dawn il-lezzjonijiet isiru kull nhar ta' Tnejn u Erbgħa mis-6.30pm – 7.30pm, fejn għaliha attendew izjed minn 85 mara li l-eta' tvarja minn 12-il sena sa 65 sena.

Dawn l-klassijiet jiġu offruti bi ħlas ta' €20. Dan sabiex kulħadd ikun jiflaħ ilaħħaq mal-ispejjeż u ħadd ma jiġi mċaħħad milli jattendi dawn il-lezzjonijiet.

**Qormi Road Race**

Għas 17-il sena konsekuttiva ġiet organizza l-Qormi Road Race, fejn din is-sena ipparteċipaw 105 atleta. Uħud minn dawn l-atleti huma barranin li jiġu apposta għal din it-tiġrija. Fit-tiġrija ta' l-10KM jingħataw diversi premijiet u tibda minn Triq il-Vitorja, quddiem il-bini tal-Kunsill u ddur mal-periferija ta' Ħal Qormi u tispiċċa fi Triq il-Wied quddiem il-Boċċi Klabb ta' San Ġorġ. Barra minhekk ġiet organizzata 2Km Fun Run għat-tfal, li hija tellieqa li ddur madwar il-wied ta' San Ġorġ. Għat-tieni darba ġiet organizzata l-5KM Fun walk, fejn fiha pparteċipaw madwar 20 persuna. Il-preparamenti jibdew minn tlett xhur qabel fejn il-Kunsill jieħu ħsieb il-promotion fuq il-Media Lokali u jitqassmu l-formoli tal-applikazzjoni f'bosta skejjel u għaqdiet.

Żewġ impjegati tal-Kunsill Lokali jieħdu ħsieb id-dħul tal-applikazzjonijiet u tqassim tan-numri u dak kollu meħtieġ għat-tellieqa. Fil-ġurnata tat-tiġrija, rappreżentanti mill-Kunsill Lokali flimkien ma' *Time Keepers* awtorizzati mill-MAAA jieħdu ħsieb il-ħinijiet u r-riżultati.

**Zumba**

Għat-tielet sena l-Kunsill Lokali Ħal Qormi organizza 17 il-klassi taz-Zumba wara domanda kbira mill-pubbliku. L-ewwel tlett klassijiet ġew organizzati f'Jannar, it-tieni grupp bi 3 klassijiet ġew organizzati f'April, it-tielet grupp ġie organizzat f'Lulju b'2 klassijiet u l-aħħar grupp għal din is-sena li beda f'Ottubru hemm 5 klassijiet. Għall-ewwel darba bdejna z-Zumba Toning u l-Aqua Zumba fis-sajf ġewwa l-iskola Primarja tas-Siggiewi, fejn ghaliha kellna attendenza sabiħa ħafna. Dawn il-klassijiet jsiru kull nhar ta' Tlieta mid-9.30am – 10.30am, l-Ħamis mill-5.00pm – 6.00pm u mis-6.30pm – 7.30pm ġewwa l-iskola ta' San Ġorġ u kull nhar ta' Tlieta mill-5.00pm – 6.00pm u mis-6.30pm – 7.30pm gewwa l-iskola ta' San Bastjan. L-ammont ta' applikanti għal din is-sena kien ta'487 parteċipant. Dawn il-klassijiet jikkonsisitu f'kors ta' 10 lezzjonijiet, siegħa kull lezzjoni bi prezz ta' €27.

**Line Dancing**

Għat-tieni sena, l-Kunsill Lokali Ħal Qormi, kompla bil-kors tal-Line Dancing bi prezz ta' €25, fejn is-sena d-dieħla ser nibdew ukoll it-tieni livell. Dan il-kors isir kull nhar ta' Tnejn mill-5.00pm – 7.00pm, 10 lezzjonijiet ġewwa l-iskola ta' San Ġorġ. Bħala attendenza kellna 52-il persuna.

**Aerobics għal persuni li jbaghtu bl-obezita'**

Għat-tieni sena komplejna l-program mal-Health Promotional Unit - Aerobics sessions għal persuni bil-problema ta' l-obezita.

**Monument Sportiv**

Sabiex nkomplu nsebbħu lil Ħal Qormi, il-Kunsill Lokali iddeċieda li għandu jinbena monument modern li jikkomemora l-isports, kif ukoll l-għaqdiet sportivi ġewwa Ħal Qormi. Għall dan il-għan inħarġet sejħa għal disinji u ntagħzel disinn sabiex dan jibda jsir minn artist. Bħalissa dan il-proċess wasal fl-aħħar, fl-istadju tal-permessi meħtieġa min naħa tal-Mepa u Transport Malta. Dan il-monument se jitqiegħed ġewwa l' Adventure Park li jnsab ħdejn il-klabb tal-Hockey u fil-gimgħat li ġejjin ser joħorġu l-applikazzjonijiet għal min se jkun qiegħed jaħdem il-monument skond id-disinn.
Dan il-monument jinkludi wiċċ ta' atleta mdawwar mill-isports li għandna ġewwa Ħal Qormi fosthom football, basketball, hockey, volleyball, sparar u bocci.

**Qormi Clay Shooting Club Youth Nursery**

Wara is-success li pajjizna qiegħed jkompli jagħmel f' dan l-isport Olimpiku u peress li ġewwa Ħal Qormi nsibu range ta' l-isparar fuq il-plattini kif ukoll għaqda ta' l-isparar, Il-Kunsill Lokali ħaseb sabiex jaħtaf din l-opportunita u jgħin lil din l-għaqda sabiex tiftaħ in-nursery taggħa. Din hija għaqda differenti mill-oħrajn hekk kif dan l-isports jinkludi l-użu ta' armi tan-nar. B'hekk il-Kunsill ħa jkun qiegħed jiffinanzja permezz ta' attivitajiet għat-tfal rigward dan l-isport "Indoor Simultator" sabiex tfal min eta zgħira jistgħu jidraw dan l-isport mingħajr periklu. Huwa benefiċċju għat-tfal peress li dawn ha jkunu qegħdin jużaw is-simulator ġo kamra li nbniet appost għal dan l-għan, kif ukoll għaliex wara t-training jistgħu isewgu x jiġri fis-shooting range. Dan l-apparat se jinġieb apposta mill-Ingilterra u jinkludi equipment apposta biex jkun sigur għat-tfal. B'hekk il-Kunsill jemmen li jista jagħti sports ġdid lit--tfal tagħna kif ukoll iservi għall-futur billi jkollna tfal diġa preparati f' dan l-isports minn eta żgħira.

Barra min hekk flimkien EUPA (EU Programmes Agency) iltqajna ma l ghaqdiet b mod individwali sabiex nghinuwom jakkwistaw fondi mill-Ewropa.

<u>**Zghazagh**</u>

**Kunsilli Lokali taz-Zghazagh**

**Lecce Youth Exchange**
Grupp ta' zghazagh Qriema immexxija minni bhala il-leader taghhom ghadhom kem gew minn esperjenza indimentikabbli meta ghal l-ewwel darba ippartecipaw f youth exchange. Iz-zghazagh huma Anastasia Camilleri, Martina Borg, Sephora Bonello u Matthew Secyhell. Din il-youth exchange giet organizzata minn grupp ta' zghazagh li ghandhom ghall-qalbhom l-ambjent u l-mobilita sostennibli. It-tema ta dan il youth exchange kienet " A fortune teller once told me.." li huwa ibbazat fuq ktieb bil-lingwa Taljana li jitratta vjagg ta' persuna fl-Asja li kien jivjagga biss b modi sostennibli u mhux bl-ajruplan. Minhabba f hekk il-missjoni taz-zghazagh Qriema kienet li jaslu Lecce minghajr ma jaqbdu ajruplan.

Qabel din l-esperjenza iz-zghazagh kienu jiltaqghu fil-Kunsill Lokali sabiex jippjanaw il-vjagg li jridu jaghmlu min Malta sa Lecce, kif ukoll sabiex jippjanaw l-attivitajiet li riedu jtellaw gewwa Lecce. Din l-exchange bdiet fil 21 ta' Lulju .F Lecce sibna l-organizzaturi Taljani jilqaghwna, fejn mbaghad dawn haduna gewwa kunvent tas-

sorijiet fejn l-exchange kella ssir. il-partecipanti l-ohra kienu gejjin mill-Italja, Latvia, Litwanja, Bulgarija u r-Rumanija Il-gimgha kolla kienet mimlija attivitajiet relatati mat-tema ta' din il-youth exchange u l-grupp Malti kellna niehdu hsieb ukoll xi ftit minn dawn l-attivitajiet Wahda mill-iktar attivitajiet li lkoll konna herqana ghaliha kienet l-Intercultural night fejn kull pajjiz kien ikollu lejla fejn jipprezenta lill-Pajjizu, kif ukoll l-ikel u x-xorb tradizzjonali. Ma setax jonqos li bhala grupp Malti intellaw l-ikbar lejla interkulturali fejn tellajna ammont kbir ta' ikel u xorb. L-ikel kien jinkludi qaghaq ta' l-ghasel, qubbajt, perlini, twistees, gbejniet, zalzett tal-Malti, galletti u bigilla u bhala xorb tellajna maghna il-Kinnie u xorb maghmul mill-bajtar sabiex nkunu nistghu ndewqu it-tradizzjoni Maltija lill-partecipanti l-ohra.

Din l-esperjenza tal-Youth exchange kienet ukoll sponsorjata mill-Unjoni Ewropea fejn iz-zghazagh kellom biss ihallsu 30% tal-vjagg.

Fil-**qasam tas-sahha**, kienet sena fejn inghatat hafna importanza fosthom saru t-tahdidiet relatati mas-sahha u baqghet ghaddejja l-inizjattiva tal-Qormi LC walking club. Is-sena l-ohra ghamilna testijiet taz-zokkor b'xejn izda din is-sena morna lil hinn minn hekk u organizzajna ghal ewwel darba, il-Qormi Health Fest fejn bi spejjez mill-anqas quddiem il-parrocca ta' San Sebastjan kien organizzat il-health fest u kien wiehed ta' success anke fl-ammont ta' ghoti tad-demm.

Fil-qasam tal-**persuni b'dizabbilita'** lil hinn mill-mapep komunali bil-parkings tad-dizabbilita' ergajna geddidna l-ftehim tal-Kunsill ma' dar il-Kaptan sabiex il-Qriema **kollha** jebbenefikaw mill-ghotja li naghtu bhala kunsill sabiex tigi wzata minn hutna l-Qriema kollha.

Sar ukoll ic-Celebrazzjoni tal-**Jum Dinji tat-tfal**. Dan il-jum kien imwiegħed fil-manifest elettorali u beda b'celebrazzjoni fil-Kappella Sagra Familja ta' Farzina u kompla fil-fetha li hemm fl-istess zona. Dan grazzi wkoll ghas-sehem tal-ghaqdiet Qriema li hadu sehem u sforutament uhud minn dawk li jibbenefikaw minn fondi tal-Kunsill ma hadux sehem f'din l-attivita'. Kien hemm diversi animazzjoni u anke sports li t-tfal hadu gost bihom. Ukoll ghall-ewwel darba l-bandisti zghar u l-aljevi tas-Socjetajiet Muzikali tellghu spettaklu fejn ukoll urew it-talent Qormi fil-muzika.

Il-Qormi LC walking baqa jifrex il-hidma tieghu billi baqa ghaddej u kif ukoll saru zjarat kemm f'irhula gewwa Malta u kif ukoll fil-Gzira Ghawdxija. Saret ukoll attivita' tal-Milied fis-sala tal-Kunsill. Saret ukoll attivita' billi ftit jiem qabel il-Milied, ghadd ta' Qriema telghu Ghawdex u gawdex l-atmosfera tal-Milied fin-Nadur, F' Betlem f'Ghajnsielem u kif ukoll fir-Rabat Ghawdex.

F'dak li huwa relatat il-Komunita' Kummercjali gie mwaqqaf il-Qormi Business Forum l-ewwel wiehed tax-xorta tieghu gewwa pajjizna. F' Hal Qormi ghadna madwar 900 licenzja ta' negozju u ghalhekk hassejna l-htiega li nkunu qrib tan-negozji kbar u zghar. It-tnehdija saret mis-Segretarju Parlamentari Dr. Edward Zammit Lewis u kif ukoll saru laqghat ohrajn mal-membri sabiex insiru nafu l-htigijiet tan-negozji f' Hal Qormi.

## 3.3 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri, bis-Sotto Kumitati. Jeħtieġ li din il-ħidma tikber aktar u joħroġ aktar l-involviment f'dan il-qasam, bil-parteċipazzjoni tal-istess kunsilliera.

L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, s-Sezzjoni Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzativa fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsillieri bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalita', u minn hemm l-Amministrattur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippewrmettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien mingħajr indħil tal-Kunsilliera.

L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' l-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.

L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalita'.

## 3.4 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI

## L-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV

L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att 363 tal-Kunsilli Lokali u r-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali, permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri li minn żmien għal żmien jinħarġu, li jara li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati.

Din is-sena wkoll reġa' kien hemm żieda qawwija fil-*workload* tal-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill. Il-Ħames impjegati preżenti tal-Kunsill huma ferm flessibbli fix-xogħol tagħhom u dan huwa parti mis-sigriet tas-suċċess li bih qed jiffunzjona l-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-ħidma ta' dan it-team ta' ħaddiema, f'kull livell ta' servizz li jagħtu, huwa ferm għoli u pożittiv, u żgur jinsab fil-quċċata tas-servizz mogħti mill-Kunsilli kollha f'Malta. Għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Kunsill, il-Kunsill għandu jaħtar persuna waħda għal kull elfejn u ħames mitt resident, meta r-residenti ta' lokalità jfissru l-istess bħall-popolazzjoni ta' lokalità. (Kap 363, art 53.(1)(a)).

Bil-għajnuna tal-ħidma ta' l-istess impjegati, il-Kunsill illum għandu żewġ *sites* fuq l-Internet, wieħed taħt id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, www.lc.gov.mt, għall-Kunsill Qormi, fejn hemm l-informazzjoni kollha dwar il-Kunsill flimkien mal-

Minuti ta' l-istess seduti tal-Kunsill kif ukoll il-Bye-Laws kollha. U ma' dan, il-Kunsill introduċa wkoll *site* ieħor fuq l-*internet*, www.qormilocalcouncil.com fejn wieħed jista' jsib aktar dettalji u nformazzjoni. Ta' min jinnota li jekk dawn is-siti ġodda tal-Kunsill ma jkunux imġedda kontinwament, ma narax li dawn is-siti jkun suċċess, għaliex isiru qisha xkaffa f'librerija b'kotba li ma jinbidlux, mimlija trab! Din hija għodda ġdida oħra li l-Kunsilliera għandhom iħaddmu għall-ġid tal-lokalita', u mhux jistennew li xi mpjegat jagħmel dan ix-xogħol għalihom!.

Bl-introduzzjoni mill-Kunsill tal-ħlas tal-Local Enforcement System, tal-Liċenzji tal-Ħwienet, tal-Ħlas tal-Kera tal-Propjeta' tal-Gvern, tal-permessi tal-ftuħ ta' wiċċ it-triq, u permessi varji tal-Krejns, tad-Divertiment Pubbliku jew Attivitajiet oħra, ta' użu ta' Skips jew Bins on Wheels, il-kuntatt mal-klijenti/residenti li l-impjegati qed ikollhom ta' kuljum, illum ittrippla u għaldaqstant wieħed ikun korrett jgħid li fin-nofs ta' nhar ta' fil-għodu dan ix-xogħol ma jaqta' xejn, fejn qed jitħalla ftit spazju għal xogħol importanti ieħor amministrattiv li bilfors irid isir. Illum dan is-servizz lir-residenti qed jingħata wkoll tul in-nofs ta' nhar tas-sibt.

Bl-introduzzjoni u l-użu ta' sistemi elettroniċi, bħal *e-mails*, u *complaints handling* il-ġdid, wieħed b'daqshekk m'għandux jistenna li bl-użu ta' dawn is-sistemi jippretendi li x-xogħol isir f'ħakka t'għajn. Dan jgħodd għal kif jaħsbuha r-residenti, li jaħsbu li dawn is-sistemi sejrin iqabbżuh fl-ordni ta' xogħol li għandu jsir, jew inkella jirriżulta f'soluzzjoni mmedjata ta' l-ilment li jitressaq. L-aktar meta l-ilment li jitressaq ma jkunx ivverifikat u b'hekk spiss jiġri li tinħela ħafna enerġija meta jirriżulta li l-ilment ma jkun xejn qrib il-verita'.

Jinħass il-bżonn li tkun introdotta struttura effiċjenti li biha kull ilment ikun ivverifikat, u l-azzjoni li trid tittieħed tkun attwata fl-aqsar żmien. Meta għas-soluzzjoni ta' lment tkun mistennija l-intervent ta' xi entita' jew dipartiment barra mill-Kunsill, l-aġir tal-Uffiċċju tal-Kunsill ikun jikkonsisti filli kull ilment jintbagħat lill-entita' partikolari u f'moniteraġġ ta' dak l-ilment. Ħafna drabi, iżda, dan ikun possibbli biss permezz ta' emails u telefonati mill-istess uffiċċju. Iżda meta l-ilment ikun direttament responsabbilta' tal-Kunsill, sakemm ma jkunx jirrigwarda xi kuntrattur partikulari, wieħed irid jinnota li l-Kunsill m'għandux ħaddiema tiegħu sabiex isolvu problemi. Għalhekk ħafna drabi ikun jeħtieġ tul ta' żmien sabiex l-ilment ikun solvut u l-azzjoni neċessarja tittieħed.

Il-bini l-ġdid issa huwa attrezzat b'apparat elettroniku ta' *cameras* u rekordjar, biss xorta waħda dan kollu jitfa' responsabbilta' ta' attenzjoni kontinwa għal dak kollu li jkun qed jiġri fil-bini tal-Kunsill.

Sal-lum inħoss li l-Uffiċċju tmexxa bl-aktar mod modern, responsabbli, dixxiplinat fejn l-ewwel qed jingħata każ tar-rispett lejn il-persuna ta' kull impjegat fil-Kunsill, li jrid iħossu apprezzat u responsabbilizzat fix-xogħol ta' kuljum tiegħu. Għaldaqstant impenn qawwi tal-amministrazzjoni tal-Kunsill huwa t-titjib fil-kwalita' tas-servizz mill-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni, partikolarment kif jiġu ttrattati l-ilmenti li huma ġustifikati, kif ukoll it-tixrid ta' nformazzjoni dwar il-Kunsill. Għal dan il-għan huwa pass ferm pożittiv dak li qed jieħu l-Kunsill li jkabbar il-Customer Care Service billi dan jiġi mwaqqaf fis-sular t'isfel tal-bini tal-Kunsill, fejn bdew il-proċeduri sabiex jinxtara ħanut li jmiss mal-Kunsill. Dan jawgura għal ħidma akbar.

Is-sezzjoni tar-Relazzjonjiet mal-Klijenti kompliet ittejjeb l-effiċjenza tagħha bl-introduzzjoni tas-sistema eletronika ta' l-irrapurtaġġ ta' l-ilmenti. Din qed twassal

biex il-klijenti/residenti tagħna jinqdew aktar malajr jew aħjar ikunu jafu x'azzjoni qed tittieħed dwar l-ilment imressaq, skont kif maħsub fir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali – Ilmenti, kif ukoll tippermettilna li nżommuhom kontinwament aġġornati bis-sitwazzjoni li jkun wasal fiha l-ilment tagħhom u fuq kollox sakemm dan jissolva. Regolarment nippublikaw l-istatistika tal-ilmenti fin-newsletter tal-Kunsill flimkien ma' nformazzjoni oħra utli.

| **ILMENTI** | **Nru** |
|---|---|
| Toroq (Patching) | *119* |
| Manutenzjoni Generali (Haddiema assenjati mal-Kunsill) | *471* |
| }mie[ fit-TOROQ (Knis/Qtug] ta' }axix mit-toroq/Tindif ta' Dustbins/ {bir ta' Annimali mejta /Tindif u Tbattil ta' Bring-in-sites/Non Urban/Cleansing Dept., Water Culverts) | *650* |
| Nuqqasijiet fil-[bir ta' skart/riċilaġġ | *202* |
| Manutenzjoni ta' Lampi u Belisha Lights(Kuntrattur) | *434* |
| Talbiet għal-Lampi Ġodda | *20* |
| {bir ta' skart goff mid-djar | *7911* |
| Talbiet ghal Xoghlijiet mill-Kunsill - (Proposti u Suggerimenti) | *66* |
| Kuntratturi tal-Kunsill (Letrini, Sinjali u Marki tat-Traffiku, Minor Works, Contact Manager) | *386* |
| Konsultazzjoni—(Perit, Avukat) | *34* |
| Environmental Landscaping Consortium | *168* |
| Ministeri (MEDE, MEIB, MSDEC, MTI, Housing Auth, Dipt tal-Artijiet, Data Protection) | *84* |
| Transport Malta (toroq arterjali/distributorji u transport pubbliku, Traffic Lights) | *233* |
| Korporazzjoni Enemalta | *199* |
| Korporazzjoni g]as-Servizzi ta' l-Ilma | *232* |
| Dipartiment tad-Drenaġġ | *87* |
| Dipartiment tas-Saħħa | *75* |
| Awtorita' tal-Ippjanar (MEPA) | *12* |
| Pulizija/Infurzar Lokali | *147* |
| Depot—Vetturi mitluqin | *53* |
| Nuqqasijiet mir-Residenti | *81* |
| O]rajn (Kumpaniji Privati ez: Melita Cable/Go plc Maltapost, Animal Welfare, Civil Protection ecc) | *102* |
| **TOTAL** | ***11,766*** |

Il-ħidma fuq dawn l-ilmenti jokkupa regolarment żewġ impjegati kuljum tal-Kunsill. Dawn minbarra li janalizzaw il-problemi, jiddiskutuhom mas-Segretarju Eżekuttiv għall-azzjoni li għandha tittieħed u jibdew proċeduri ta' verifika ta' dawn l-ilmenti, li uħud minnhom ma jkunux verifikabbli, jaraw ukoll li jinfurmaw lid-dipartimenti, jew kuntratturi u persuni responsabbli fejn dawn l-ilmenti jiġu solvuti għas-sodisfazzjon tar-residenti.

Ħafna drabi, iżda jinħela ħafna żmien prezzjuż għaliex l-ilment ikun nieqes minn informazzjoni korretta, jew l-ilment/rapport ma jkunx korrett, u minħabba l-fatt li l-Kunsill m'għandux sistema u mezzi sabiex jivverifika mmedjatament l-istess ilmenti li jidħlu. Fil-Kunsill ma jeżistix dak ix-'xi ħadd' li jista' jitqabbad jagħmel dan ix-xogħol! U għalhekk bilfors ikun hemm dewmien qabel ma jkun ivverifikat l-ilment, minbarra li kull xogħol jieħu ż-żmien tiegħu sabiex jitlesta, minħabba l-proċeduri kollha li jridu jkunu eżegwiti, kif ukoll tal-finanzi disponibbli.

Is-sistema teħtieġ tibdil radikali sabiex tkun aktar effettiva, fejn hemm bżonn li titqabbad persuna sabiex tkun responsabbli direttament mill-ilmenti, li tmur ukoll fuq il-post tivverifika l-ilment, sabiex tirraporta dwaru b'mod effettiv lis-Segretarju Eżekuttiv ħalli jittieħdu l-passi meħtieġa. Bl-introduzzjoni ta' Contract Manager, qed ikun maħsub li ħafna minn dan l-għan għandu jintlaħaq, għalkemm il-*contract manager* hu responsabbli ta' kuntratti partikolari.

## IMPJEGATI TAL-KUNSILL

L-Istaff kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu l-istaff tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Qormi, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol moħbi, xogħol li jkun mibni, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, ħafna drabi b'xogħol ukoll barra mill-ħin normali, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Qormi qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbilta` kollha. Bħas-sena l-oħra erġajt ipproponejt li l-impjegati għandhom jingħataw il-*performance bonus* kollu, u l-Kunsill approva dan għax ressaqt *performance appraisal* ta' kull impjegat fejn kienet analizzata l-ħidma ta' kull impjegata fil-Kunsill u ġew imkejla t-*targets* li tpoġġew kif ukoll tressqu *targets* ġodda għas-sena li ġejja, fejn l-enfażi sejra terġa' tkun fil-ħidma ta' kuljum, bejn xulxin, f'uffiċċju dejjem aktar effiċjenti.

B'uffiċċju effiċjenti rridu nifhmu li kulħadd ikun jaf dak li qed isir u għaliex! Li kulħadd ikun responsabbli fix-xogħol li jagħmel ta' team, għaliex b'team ta' impjegati mġedded u msaħħaħ, fejn hemm stħarriġ fil-ħidma ta' kuljum, u kulħadd jaf sewwa x'għandu jagħmel, jiena ċert li kapaċi nagħtu l-aħjar servizz lir-residenti kollha mill-uffiċini tal-Kunsill.

## *CONTRACT MANAGERS*

Il-Kunsill Qormi introuċa din is-sena s-servizz ta' *Contract Manager* sabiex jagħmel superviżjoni tal-kuntratti ta' Servizz ta' Tindif ta' Toroq, għall-Ġbir tal-

Iskart Domestiku, it-Tindif tat-Toroq mhux Urbani u għalhekk b'dan ix-xogħol ta' superviżjoni, fil-Kunsill, se jkollu sa fl-aħħar lil xi ħadd li hu responsabbli li jressaq rapporti uffiċjali u għalhekk kull azzjoni li tittieħed tkun ibbażata fuq rapporti dwar l-ilmenti li jidħlu fil-Kunsill u li jkunu vverifikati.

Dan is-servizz huwa mmirat li jgħin l-uffiċċju dejjem aktar. B'hekk il-Kunsill irid ikompli jagħmel suċċess akbar fil-ħidma tiegħu, u għalhekk se jaħdem b'mod aktar professjonali f'dan il-kamp ukoll, kif jitolbu l-istess regolamenti.

## 3.4 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill ta' Ħal Qormi għal din is-sena 2013. Ta' min jinnota li matul is-sena, saru ħafna u ħafna aktar interventi u xogħolijiet mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma nkludejthomx f'dan ir-rapport.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti f'din r-raba' sena tal-Ħames leġislatura tal-Kunsill, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

**Kenneth Brincat**
**Segretarju Eżekuttiv**

***Statement of income and expenditure* (Siltiet mill-*Annual Audit Report)***

## L-Iskeda ta' Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-Nefqa

| Statement of Income and Expenditure | 2013 | 2012 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Income** | | |
| Funds received from Central Government | 1,123,503 | 1,172,820 |
| Income raised under Local Council Bye-Laws | 2,118 | 2,621 |
| Income raised under Local Enforcement System | 16,816 | 17,228 |
| General Income | 91,263 | 68,374 |
| | **1,233,700** | **1,261,043** |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | (170,837) | (167,103) |
| Operations and maintenance | (667,231) | (760,027) |
| Administration and other Expenditure | (484,323) | (551,690) |
| | **(1,322,391)** | **(1,478,820)** |
| **Operating Loss for the year** | **(88,691)** | **(217,777)** |
| Finance Income | 271 | 307 |
| Finance Cost | (8,519) | (9,634) |
| **Loss for the year** | **(96,939)** | **(227,104)** |

## ***Statement of Affairs* (Siltiet mill-*Annual Audit Report*)**

| Statement of Affairs | 2013 € | 2012 € |
|---|---|---|
| **ASSETS** | | |
| **Non-Current Assets** | | |
| Property, plant and equipment | 2,782,959 | 2,760,168 |
| | **2,782,959** | **2,760,168** |
| **Current Assets** | | |
| Inventories | 208 | 215 |
| Receivables | 297,327 | 178,781 |
| Cash and cash equivalents | 78,065 | 48,927 |
| | **375,600** | **227,923** |
| **Total Assets** | **3,158,559** | **2,988,091** |
| **RESERVES AND LIABILITIES** | | |
| **Reserves** | | |
| Retained earnings | 2,038,152 | 2,135,091 |
| **Total Equity** | **2,038,152** | **2,135,091** |
| **Non-currrent Liabilities** | | |
| Long-term borrowings | 159,358 | 186,187 |
| Deferred Income | 581,700 | 332,904 |
| | **741,058** | **519,091** |
| **Current Liabilities** | | |
| Payables | 352,430 | 308,115 |
| Short-term borrowings | 26,919 | 25,794 |
| | **379,349** | **333,909** |
| **Total Liabilities** | **1,120,407** | **853,000** |
| Total equity and liabilities | **3,158,559** | **2,988,091** |

## *Statement of Changes in Equity* (Siltiet mill-*Annual Audit Report*)

**Statement of Changes in Equity**

| | Retained Funds € | Total € |
|---|---|---|
| **At 31 December 2011** | | |
| As previously stated | 2,376,373 | 2,376,373 |
| Prior year adjustment | (14,178) | (14,178) |
| **At 1 January 2012** | **2,362,195** | **2,362,195** |
| Loss for the year | (227,104) | (227,104) |
| **At 31 December 2012** | 2,135,091 | 2,135,091 |
| **At 1 January 2013** | | |
| As previously stated | **2,149,517** | **2,149,517** |
| Profit year adjustment | **(14,426)** | **(14,426)** |
| **At 1 January 2013** | **2,135,091** | **2,135,091** |
| Loss for the year | (96,939) | (96,939) |
| **At 31 December 2013** | **2,038,152** | **2,038,153** |

***Cash Flow Statement* (Siltiet mill-*Annual Audit Report*)**

**Statement of Cash Flows**

| | 2013 | | 2012 | |
|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € |
| **Net (loss) profit for the year** | (96,939) | | (227,104) | |
| Reconciliation to cash generated from operations | | | | |
| Depreciation | 250,130 | | 294,027 | |
| Expenditure written off | - | | 52,219 | |
| Movement in Provision for Doubtful Debts | 75,762 | | 97,878 | |
| Interest receivable | (271) | | (307) | |
| Interest payable | 8,519 | | 9,634 | |
| Operating profit before working capital changes | 237,201 | | 226,347 | |
| (Increase) / decrease in inventories | 7 | | (215) | |
| Decrease in receivables | 61,767 | | 138,204 | |
| Decrease / (increase) in other receivables | (256,075) | | 84,555 | |
| Increase /(Decrease) in payables | 76,226 | | (261,136) | |
| (Decrease / increase) in other payables | (31,876) | | 29,586 | |
| Government grant released | (56,248) | | (139,931) | |
| Cash generated in operating activities | | 31,002 | | 77,410 |
| | | | | |
| **Cash flow from investing activities** | | | | |
| Interest received | 271 | | 307 | |
| Purchase of property, plant & equipment | (272,921) | | (84,100) | |
| Receipt of grant | 305,008 | | 61,456 | |
| Cash used in investing activities | | 32,358 | | (22,337) |
| | | | | |
| **Cash from financing activities** | | | | |
| New long term bank borrowings | 8,519 | | 9,634 | |
| Interest paid | (8,519) | | (9,634) | |
| Repayment of short term bank borrowings | (34,222) | | (34,222) | |
| Cash used in financing activities | | (34,222) | | (34,222) |
| | | | | |
| **Net Increase / Decrease in cash in the year** | | 29,138 | | 20,851 |
| | | | | |
| **Cash and equivalents at end of year** | | **78,065** | | **48,927** |